32005D0193

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-8 ta' Marzu 2005

li temenda d-Deċiżjoni 2004/475/KE li tadotta miżura tranżitorja favur ċerti stabbilimenti fl-oqsma tal-laħam u l-ħalib fis-Slovenja

(innotifikata taħt in-numru tad-dokument C(2005) 518)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2005/193/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvija, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, l-Islovenja u l-Islovakkja, u b'mod partikolari l-Artikolu 42 tiegħu,

Billi:

(1) Minn meta ġiet adottata d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/475/KE [1], is-sitwazzjoni li tikkonċerna l-istabbilimenti li jibbenefikaw minn perjodu tranżitorju sabiex jiksbu konformità sħiħa mar-rekwiżiti tal-Komunità nbidlet.

(2) Impjant wieħed tal-laħam temm l-attività tiegħu fil-31 ta' Diċembru 2004.

(3) Impjant wieħed tal-ħalib fil-lista ta' stabbilimenti fi tranżizzjoni se jtemm l-attività tiegħu bħala stabbiliment ta' kapaċità għolja. Hu se jnaqqas il-produzzjoni tiegħu sabiex jikkonforma mar-regoli stabbiliti bil-leġislazzjoni tal-Komunità għall-istabbilimenti b'kapaċità limitata. Għalhekk, dan għandu jitneħħa mil-lista ta' stabbilimenti fi tranżizzjoni.

(4) Tliet stabbilimenti tal-laħam fil-lista ta' stabbilimenti fi tranżizzjoni għamlu sforz konsiderevoli sabiex jibnu faċilitajiet ġodda. Madanakollu, dawk l-istabbilimenti m'humiex f'pożizzjoni li jtemmu l-proċess ta' titjib sal-limitu ta' żmien preskritt minħabba limitazzjonijiet tekniċi eċċezzjonali. Għalhekk huwa ġġustifikat li jingħataw aktar żmien sabiex itemmu l-proċess ta' titjib.

(5) L-Anness għad-Deċiżjoni 2004/475/KE għandu għalhekk ikun emendat kif jixraq. Għal finijiet ta' ċarezza, dan għandu jiġi mibdul.

(6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2004/475/KE jinbidel bit-test fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fit-8 ta' Marzu 2005.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 160, tat-30.4.2004, p. 78; verżjoni kkoreġuta fil-ĠU L 212, 12.6.2004, p. 47.

ANNESS

"ANNESS

STABBILIMENTI TAL-LAĦAM FI TRANŻIZZJONI

Nru	Numru ta' approvaz-zjoni veterinarja	Isem u indirizz ta' l-istabbiliment	Settur: Laham			Data tal-konformità
			Attività ta' l-istabbilimenti			
			Laħam frisk, Qatla, Tqattigħ	Prodotti tal-laham	Maħżen tal-friża	
1.	14	Meso Kamnik, Kamnik	x			1.10.2005
2.	19	Meso Kamnik, Domžale	x	x		1.10.2005
3.	306	Arvaj Anton s.p., Kranj	x	x		1.10.2005"